MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru 38/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Christian sive Chris Grech**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 38 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Christian sive Chris Grech, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-18 ta' Mejju, 2006, u matul ix-xahar ta' qabel, Chris Grech flimkien ma persuni ohra ftiehem li kellu jikkonsinna erbatax il-blokka raza tal-cannabis, li hu kellu fil-pussess illegali tieghu, f'Bahar ic-Caghaq fit-18 ta' Mejju, 2006 ghall-habta tas-7.00 p.m. Illi fil-fatt hu kien qed isuq il-karozza GBC 926 u f'mument minnhom il-passiggier li kien mieghu nizel mill-karozza w pogga d-droga taht cint qalb il-haxix mal-genb tat-triq fil-vicinanzi tal-Isplash and Fun Pleasure Park. Illi skond l-istess ftehim din id-droga w cioe' 3402.7 grammi raza mehuda mill-pjanta tal-

cannabis kellha tigi traffikata llegalment f'Malta wara li tigi migbura minn persuni ohra li maghhom kien sar il-ftehim.

Illi b'eghemilu, l-imsemmi Chris Grech sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Chris Grech hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh, jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' fit-18 ta' Mejju, 2006 u x-xahar ta' qabel, Chris Grech kellu fil-pussess illegali tieghu 3402.7 grammi raza tal-cannabis. Illi din il-kwantita' kbira ta'

droga kienet intiza biex tigi traffikata f'Malta w ma kienitx ghall-uzu tieghu.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Chris Grech sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t- Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Chris Grech, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta

w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'sitt (6) voti favur u bi tlieta (3) voti kontra sabu lil Christian sive Chris Grech hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w b'seba' (7) voti favur w b'zewg (2) voti kontra sabuh ukoll hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Christian sive Chris Grech hati talli

1. fit-18 ta' Mejju, 2006, u matul ix-xahar ta' qabel, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh, jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fit-18 ta’ Mejju, 2006 u x-xahar ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu d- droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’ xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b’ dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, is-segwenti :-

1. li l-fedina penali tal-hati kienet wahda nettissima;
2. li ghandu jsehh l-assorbiment tar-reat taht l-Ewwel Kap fir-reat taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena;
3. li ghandu jinzamm proporzjon fil-piena ma’ sentenzi ohra ta’ din il-Qorti fejn l-ammont u l-kwalita’ tad-droga kien simili ghal dak maqbud f’dan il-kaz.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja w cioe’ illi kien jaqbel mal-konsiderazzjonijiet esposti mill-abbli difensur u ghalhekk il-Qorti kellha timxi fuq il-“bench marks” taghha stess fl-erogazjoni tal-piena.

Qieset ukoll illi r-reat taht l-Ewwel Kap f’dan il-kaz partikolari, serva bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.

Qieset li l-piena ghar-reat ta’ pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta’ prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta’ mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita’ tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghal dik ta’ ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

Illi fi sforz biex kemm jista’ jkun izzomm relativita’ ma’ sentenzi ohra taghha fejn il-kwalita’ tad-droga kienet l-istess u fejn il-kwantita’ taghha kienet piu o meno simili w fejn instabet htija mill-gurija w ma kienx applikabbli l-artikolu 29, il-Qorti thoss li l-piena f’dan il-kaz ghandha tkun ikkalibrata fuq il-bazi tas-sentenza taghha fil-kawza **r-Repubblika ta’ Malta vs Anthony Seychell [05.03.2008]** fejn si trattava ta’ sejbien ta’ htija fir-rigward ta’ 3,500 grammi tad-droga cannabis, liema sentenza giet konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-12 ta’ Marzu, 2009.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 14(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 23, 20, 17(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Christian sive Chris Grech ghall-piena ta’ tnax (12) il-sena prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin elf Ewro (€25,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f’ terminu ulterjuri ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elf, hames mija w seba’ w ghoxrin Euros u hamsa w sebghin Euro centezmi (€1527.95) import ta’ l-ispejjez tal-perizji, li

pero' ma jinkludux l-ispejjez tal-perizja ta' Joseph Zammit, li ma saritx uzu minnha f' dan il-process quddiem din il-Qorti.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------